# 337. Malta 1780

Imdawra swar għoljin li ħadd ma jirbaħ,
palazzo u bereġ kbar t'arkitettura
lit għaxxaq il-għajnejn, fejn jgħixu komdi
il-Kavallieri għal xulxin għajjura.

U knejjes kbar imżejna bil-arazzi,
bil-fided tal-lampieri u tal-gandlieri;
u kerrejjiet mudlama fejn jidgeddsu
il-bgħula wisq fqajrin tal-Kavallieri;

U galeri fil-port armati sewwa,
bi ħwejjeġ misruqin deħlin mgħobbija;
u oħrajn ħerġin biex jissuktaw minn flokhom
ix-xogħol qalbieni tal-piraterija.

U ħabsijiet taħt l-art mimlija lsiera,
bil-ktajjen marbutin, bil-ġuħ, maħqura…
Ħares Mulej, u seddaq din il-Gżira,
bastjun qawwi tal-fidi u tal-kultura.